DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 122/2010

tal-10 ta' Novembru 2010

li temenda l-Anness XIII (Trasport) tal-Ftehim taż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat mill-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn issa 'l quddiem imsejjaħ "il-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness XIII tal-Ftehim kien emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 108/2010 tal-1 ta' Ottubru 2010 ([1]).

(2) Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2010/19/UE tat-13 ta' Jannar 2010 dwar l-iskambju sikur ta' dejta elettronika bejn l-Istati Membri biex tkun ivverifikata l-uniċità tal-biljetti tas-sewwieqa ([2]) li joħorġu għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Dan li ġej għandu jiddaħħal wara l-punt 36a (id-Direttiva 2003/59/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) fl-Anness XIII tal-Ftehim:

"*ATTI LI GĦANDHOM JIEĦDU NOTA TAGĦHOM IL-PARTIJIET KONTRAENTI*

Il-Partijiet Kontraenti għandhom jieħdu nota tal-kontenut tal-atti li ġejjin:

36b. **32010 H 0019**: Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2010/19/UE tat-13 ta' Jannar 2010 dwar l-iskambju sikur ta' dejta elettronika bejn l-Istati Membri biex tkun ivverifikata l-uniċità tal-biljetti tas-sewwieqa li joħorġu (ĠU L 9, 14.1.2010, p. 10)."

Artikolu 2

It-testijiet tar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2010/19/UE fil-lingwa Islandiża u dik Norveġiża, li għandhom jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-11 ta' Novembru 2010, sakemm in-notifiki kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ikunu saru lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*).

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fis-Sezzjoni taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u fis-Suppliment taż-ŻEE tiegħu.

Magħmul fi Brussell, l-10 ta' Novembru 2010.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

Stefán Haukur JÓHANNESSON

([1]) ĠU L 332, 16.12.2010, p. 58.
([2]) ĠU L 9, 14.1.2010, p. 10.

(*) L-ebda rekwiżiti kostituzzjonali ma huma indikati.